MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 16/2003/1

***Fl-Atti tar-Referenza tat-30 ta' Mejju, 2003, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dott. Miriam Hayman) fl-Atti tal-Kawza fl-ismijiet:***

**Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana)**

**v.**

**Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**

Dan hu appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Dicembru, 2003.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza – u li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet – kienu, bazikament, is-segwenti:

1. F'Gunju tas-sena 2000 Zammit, Woods u Ahmed Esawi kienu mizmuma fil-Habs ta' Kordin jiskontaw sentenzi ta' prigunerija moghtija lilhom mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fi processi u fuq akkuzi differenti.

2. Filghaxija tas-7 ta' Gunju, 2000 huma ma nstabux f'posthom fit-Taqsima Y.U.O.R.S fl-imsemmija facilita` korrettiva, u fil-fatt, wara tfittxija li saret, instabu ftit jiem wara f'lokalita` fir-Rabat.

3. Wara investigazzjoni interna li saret, huma tressqu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Habs fuq is-segwenti akkuzi:

*"1. Took, without lawful authority or excuse, any article belonging to any other person or to the prison;*
*2. Destroyed or damaged any part of the prison or any other property other than his own;*
*3. Absented himself from any place where he was required to be;*
*4. Escaped while confined in prison;*
*5. Attempted to commit, or incites another person to commit, or assist another person to commit or attempt to commit any of the foregoing offences."*

Dawn l-akkuzi huma skond il-paragrafi (j), (l), (m), (u) u (aa) tar-regolament 75 (gja 74) tar-Regolamenti dwar il-Habs.

4. Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew liberati mill-ewwel akkuza, izda instabu hatja tal-akkuzi l-ohra u ittiehdu kontra taghhom diversi mizuri skond l-imsemmija regolamenti, fosthom telf ta' *remission* minn sentenzi li kienu qed jiskontaw jew minn sentenzi li kienu ghad jistghu talvolta jigu kkundannati ghalihom.

5. Zammit u Ahmed Esawi appellaw quddiem it-Tribunal ta' Appelli mahtur skond ir-regolament 79 tal-imsemmija regolamenti, u dan it-Tribunal, fil-21 ta' Lulju, 2000 laqgha parzjalment l-appell taghhom b'mod li kien hemm allura tnaqqis fit-telf tar-*remission*.

6. Fit-2 ta' Marzu, 2001 l-imsemmija tlett persuni tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'diversi reati fosthom bir-reat ta' "harba bi ksur" skond l-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll bi ksur tal-imsemmi regolament 74(u) [recte: 75(u)] tar-Regolamenti dwar il-Habs. Il-fatt ipotizzat fl-imputazzjoni u li, skond il-prosekuzzjoni, jammonta ghal dawn iz-zewg reati, huma li *"nhar is-7 ta' Gunju, 2000 ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija bhala persuni mizmuma jew li jitqiesu li huma mizmuma fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin harbu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, post ta' kustodja jew ta' piena…bi ksur ta' dawn il-postijiet."* Akkuzi ohra li bihom Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew akkuzati ma humiex marbuta ma' l-imsemmija allegata harba mill-habs. Pero` huma gew akkuzati wkoll b'serq ta' tnalja mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, liema serq, skond il-prosekuzzjoni, huwa kwalifikat bil-lok u bil-vjolenza numerika.

7. Wara li l-Avukat Generali baghat il-kaz taghhom biex jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (ara d-dokumenti a fol. 278 sa 281 tal-attijiet tal-kawza kriminali) u wara li fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2002 l-akkuzati ddikjaraw li huma ma kellhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn dik il-Qorti Inferjuri, fid-29 ta' April, 2003 John Woods ippresenta rikors quddiem dik il-Qorti li permezz tieghu talab li ssir referenza kostituzzjonali peress li, skond hu, bil-fatt li huwa kien diga` gie "ikkundannat" ghal "loss of remission" minhabba l-harba mill-habs, bil-proceduri inizjati fit-2 ta' Marzu, 2001 u li

allura kienu ghadhom fis-sehh, kienu ser jinkisru d-drittijiet fondamentali tieghu ta’ smigh xieraq u tan-*ne bis in idem* protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

8. B’digriet tat-30 ta’ Mejju, 2003, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali baghtet il-“kwistjoni” quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Il-“kwistjoni” li kellha quddiemha l-imsemmija Prim Awla kienet jekk, bil-proceduri inizjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq l-imputazzjonijiet li jipotizzaw ir-reat ta’ “harba bi ksur” bi ksur tal-Artikolu 152 tal-Kap. 9 u li jipotizzaw ukoll ksur tar-regolament 75(u), kienx qed jigi jew x’aktarx ser jigi vvjolat id-dritt tat-tlett akkuzati li ma jigux iggudikati darbtejn fuq l-istess reat kif protett bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 4 tal-Protokoll numru Sebgha tal-Konvenzjoni Ewropea – in effetti ir-regola tan-*ne bis in idem* jew “rule against double jeopardy”.

## <u>Decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti</u>

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, bis-sentenza li qed tigi issa appellata, iddecidiet hekk:

**“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi: <u>Tiddikjara</u> li l-ilment tal-akkuzati ma jikkostitwix ksur tad-drittijiet taghhom taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; <u>Tiddikjara</u> madanakollu li l-ilment tal-akkuzati jikkostitwixxi ksur, <u>fil-limiti hawn fuq imsemmija</u> [1], tad-dritt taghhom li ma jkunux processati aktar minn darba wahda kif stabbilit taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali; u <u>Tordna</u> lir-Registratur sabiex jghaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.”**,

[1] Sottolinear ta’ din l-espressjoni da parti ta’ din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kostituzzjonali.

u dan wara li kkunsidrat is-segwenti[2]:

**"L-Aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni.**

"Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa' aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta' Malta[3], jipprovdi li ħadd ma jista' jiġi ipproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie ipproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerġa' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

"Illi għalkemm ma jissemmiex fir-Riferenza, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet

[2] Din il-Qorti ser tirriproduci biss dik il-parti tas-sentenza riferibbilment ghall-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll peress li dwar l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ma sarx appell minn Zammit, Woods u Ahmed Esawi.

[3] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002).

mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda, kif sewwa issottometta l-abbli difensur tal-Avukat Ġenerali, wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa. Dan jgħodd iżjed u iżjed f'dan il-każ fejn l-akkużati ma jsejsux l-ilment tagħhom speċifikatament fuq ksur tal-jedd tagħhom għal smigh xieraq;

"Illi partikolarment dwar dan l-aħħar imsemmi artikolu 4, jidher xieraq li jingħad li l-fatt waħdu li jeżisti bħala artikolu għalih ma jneħħihx mill-ambitu tal-ħarsien ta' jedd għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan il-fattur jidher li għadu sal-lum il-ġurnata mħolli miftuħ ukoll fid-deċiżjonijiet tal-organi ġudizzjarji kompetenti konvenzjonali. Madankollu, lanqas ma jista' jingħad li l-artikolu 4 huwa għal kollox ħaġa waħda mal-artikolu 6, għaliex fil-fatt m'huwiex, la fit-tfassila tiegħu u lanqas fl-għanijiet li għalihom huwa maħsub. L-artikolu 6, bħala artikolu ta' firxa usa', iħares il-jedd ta' smigħ xieraq kollu kemm hu, magħduda fih il-prinċipju li, f'qasam penali, persuna ma terġax tgħaddi proċeduri kriminali dwar l-istess reat. Imma dan ma jfissirx li l-artikolu 4 tal-Protokoll huwa għal kollox assorbit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-artikolu 4 huwa limitat għal proċedimenti ta' għamla kriminali meħudin kontra l-istess persuna fl-ambitu tal-istess ġurisdizzjoni ta' Stat partikolari;

"Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[4]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll;

---

[4] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>Law of the European Convention on Human Rights</u> (1995), paġ. 569

"Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[5];

"Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

"Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm tfisser, jidher li jeħtieġ li wieħed jara l-ewwelnett x'inhi n-natura tal-proċedura dixxiplinari meħuda mill-awtoritajiet tal-Ħabs u kif dawn il-proċeduri jidħlu fil-qafas kemm tal-jedd tan-*ne bis in idem*. B'dan il-ħsieb, il-Qorti temmen li tkun qegħda tindirizza ż-żewġ linji ewlenin meħudin mill-partijiet, u jiġifieri (a) jekk tali proċeduri humiex ta' natura tali li jservu ta' ġudikat fuq xilja kriminali sussegwenti, u (b) jekk il-proċeduri pendenti kontra l-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jikkostitwux ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom li ma jiġux mill-ġdid ipproċessati fuq għamil li tiegħu ingħatat diġa' deċiżjoni;

"Illi (a) **dwar in-natura tal-proċedimenti miżmuma mill-Bord tad-Dixxiplina u mit-Tribunal tal-Appell** fil-konfront tal-akkużati, jibda biex jingħad li m'hemm l-ebda dubju li dawn iż-żewġ enti, għalkemm m'humiex "qorti" fit-tifsira mogħtija lill-kelma mill-Kostituzzjoni, huma t-tnejn imwaqqfa bis-saħħa ta' liġi[6]. Dan ifisser li l-għamil tagħhom irid ikun jaqbel mal-liġi li taħtha ssawru u mwettaq fil-limiti mogħtija mill-istess liġi. Fuq dawn il-fatti, l-akkużati ma jressqu l-ebda lment: għall-kuntrarju, huma jtennu li dak li għaddew minnu quddiem l-imsemmija żewġ enti kien jgħodd u jorbot tant li jikkostitwixxi xkiel validu

[5] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22
[6] Regolament 102 u 79 tal-A.L. 118/95, rispettivament

biex jitkomplew kontrihom il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar l-istess fatti;

"Illi, bl-istess mod li ikkostatat il-Qorti riferenti, din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li wħud mir-reati li l-akkużati jinsabu mixlijin bihom fl-Att tal-Akkuża huma l-istess reati li ttieħdu l-passi dixxiplinari dwarhom kontra tagħhom. Saħansitra t-tismija ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fl-Att tal-Akkuża huma dawk li jsejsu kemm id-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u kif ukoll tat-Tribunal tal-Appell. Dan kien wieħed mill-argumenti ewlenin li l-abbli difensur tal-akkużati seħaq fuqu waqt it-trattazzjoni tiegħu[7]. Partikolarment, ġie sottomess li s-sanzjoni li batew l-akkużati (telf ta' ċerti privileġġi, tqegħid f'taqsima ta' sigurta' ogħla u l-effetti psikoloġiċi) kienet waħda fejn ingħatalhom kastig u li t-twettiq ta' dik id-deċiżjoni sar fatt li ma jistax jitreġġa' lura daslikieku ma sar xejn. Huwa f'dan id-dawl li jgħidu li l-jedd tagħhom li ma jerġgħux jgħaddu minn proċediment ieħor dwar l-istess għamil qiegħed jinkiser bit-teħid tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

"Illi, min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali jibni l-argument li d-deliberazzjonijiet magħmulin kemm mill-Bord u wkoll mit-Tribunal tal-Appell ma joħolqux piena ġdida, iżda huma sempliċi amministrazzjoni ta' piena diġa' mogħtija minn Qorti kompetenti[8]. Għalhekk, itenni li l-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jistgħu qatt jitqiesu bħala ripetizzjoni ta' proċeduri li ma għandhomx iċ-ċertezza tal-kastig[9], ladarba kull miżura li dawk l-enti setgħu ħadu ma setgħet qatt tmur lil hinn miż-żmien oriġinali li għalih kull wieħed mill-akkużati kien ġie ikkundannat minn Qorti fis-sentenza li kien qiegħed jiskonta[10], u kienet maħsuba biss biex tħares id-dixxiplina u ż-żamma tal-ordni fil-ħabs. Żied iressaq l-argument ukoll li l-akkużati ma tnaqqsitilhom l-ebda liberta' għaliex meta ttieħdu d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet partikolari tal-

---

[7] Ara paġġ. 74-5 tal-proċess
[8] Paġ. 89 tal-proċess
[9] *Ibid.* paġ. 86 tal-proċess
[10] *Ibid.* paġ. 85 tal-proċess

Ħabs, huma kienu diġa' imċaħħdin mil-liberta' tagħhom minħabba s-sentenzi li kienu qegħdin iservu;

"Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li s-sanzjonijiet li għalihom kienu suġġetti l-akkużati meta ttieħdu kontra tagħhom il-proċeduri dixxiplinari mill-awtoritajiet tal-Ħabs kienu l-effett ta' "akkuża kriminali". Il-fatt li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Ħabs jelenkaw lista ta' "reati kontra d-dixxiplina"[11] li s-sejbien tal-ħtija fihom jagħti lok għal "pieni"[12] kontra min iwettaq xi għamil bħal dak iwassal lill-Qorti biex tifhem li tali sanzjonijiet huma r-riżultat ta' xilja kriminali fit-tifsira mogħtija lill-Konvenzjoni[13]. Din il-fehma tissaħħaħ iżjed meta l-istess dispożizzjonijiet (ukoll jekk flimkien ma' oħrajn) jissemmew fl-Att tal-Akkuża li nħareġ kontra l-akkużati fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

"Illi l-punt li issa wieħed irid iqis huwa jekk dawn il-kriterji ta' "akkuża kriminali" bit-telfien ta' liberta' personali japplikawx fil-konfront ta' min ikun diġa' mċaħħad mil-liberta' tiegħu: b'mod partikolari, irid jiġi mistħarreġ jekk, u kif, jiġu applikati l-kriterji stabiliti tan-natura tax-xilja dwar persuni li jkunu qegħdin iservu piena ta' ħabs meta jseħħu l-għemejjel li dwarhom ikunu ttieħdu l-proċeduri dixxiplinari. Għalkemm mhux fil-kuntest tal-jedd tan-*ne bis in idem*, iżda fil-qafas usa' tal-jedd tas-smigħ xieraq, din il-kwestjoni ġiet mistħarrġa mill-Qorti Ewropeja f'għadd ta' kawżi mressqa quddiemha[14] u waslet għall-fehma li fejn għemejjel serji kienu jġibu fuqhom sanzjonijiet li jwasslu għat-telfien tal-jiem ta' maħfra, telfien ta' privileġġi u għeluq f'ċella konfinata, tali għemejjel kienu jaqgħu fl-ambitu ta' offiża kriminali;

"Illi, minbarra dan, dik il-Qorti waslet biex sabet ukoll li t-telfien ta' għadd ta' jiem ta' maħfra (*remission*) minħabba t-teħid ta' proċeduri dixxiplinari b'riżultat ta' għamil li jikser ir-regolamenti tal-ħabs, ifisser piena li tissarraf f'telf ta'

---

[11] Reg. 75 tal-A.L. 118/1995 kif mibdul b'A.L. 14 tal-2000

[12] Reg. 78 tal-A.L. 118/95

[13] ***Engel et vs The Netherlands*** (**8.6.1976**) (Applik. Nru.5100/71) par. 82-3

[14] Ara, per eżempju, ***Campbell and Fell vs U.K.*** (**28.6.1984**) (Applik. Nru.7819/77) par. 67-73

aspettativa leġittima, jekk mhux ta' jedd vera u proprju[15]. Minbarra dan, id-distinzjoni bejn "privileġġ" u "jedd" tal-ħabsi dwar it-tnaqqis tal-piena ma jidhirx li baqgħet rilevanti iżjed ladarba, taħt ir-regolamenti fis-seħħ, huwa kien jistenna li jinħeles meta jitnaqqsu l-jiem tal-maħfra mirbuħa. Din il-fehma twieġeb għall-argument imressaq f'din ir-Riferenza mill-Avukat Ġenerali dwar jekk it-tnaqqis ta' jiem ta' maħfra kontra l-akkużati kinitx kastig jew inkella "tneħħija ta' privileġġ". Il-Qorti tagħraf illi din il-linja ta' deċiżjonijiet ma kinitx nieqsa minn nuqqas ta' qbil fi ħdan dik il-Qorti, u kemm hu hekk wieħed jista' jgħid li f'kull sentenza minnhom hemm opinjonijiet ta' minoranza li juru, b'mod mill-aktar qawwi, kemm il-fehmiet huma maqsuma;

"Illi meta wieħed iqis l-għadd ta' jiem ta' maħfra mitlufa minn kull wieħed mill-akkużati bis-saħħa tal-proċeduri dixxiplinari meħuda kontrihom, u jqabbilhom mal-piena maħsuba fil-liġi għar-reati li issa qegħdin jiġu mixlijin bihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, wieħed ma jistax ma jqisx li s-sanzjoni kienet "*appreciably detrimental*". Ma' dan għandu jitqies ukoll li l-għamil li wassal għat-teħid tal-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tal-akkużati jitqies bħala "offiża serja" taħt ir-Regolamenti fis-seħħ;

"Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-proċeduri dixxiplinari meħuda kontra l-akkużati mill-awtoritajiet tal-Ħabs jikkostitwixxu proċeduri ta' għamla "kriminali" għall-finijiet tal-Konvenzjoni;

"Illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni dwar (b) **jekk il-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra l-akkużati jikkostitwux ksur tal-jedd tagħhom tan-*ne bis in idem***, tiddependi mill-isfera ta' applikazzjoni tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Il-Qorti tidentifika dawn l-elementi biex jista' jingħad li tali jedd ikun inkiser: (i) teħid ta' proċeduri **jew** l-għoti ta' piena mill-ġdid; (ii) fi proċediment kriminali; (iii) għal reat li dwaru tkun diġa' ngħatat deċiżjoni finali; (iv) fl-istess ġurisdizzjoni; u (v) skond il-liġi u l-proċedura ta' dak il-pajjiż. L-għan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa għalhekk dak li jżomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess

[15] Ara, per eżempju, ***Ezeh and Connors vs U.K.*** (**15.7.2002**) (Applik.Nri. 39665/98 u 40086/98) par. 87-93 (konfermata mill-Grand Chamber fid-**9.10.2003**)

Stat ta' proċeduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'deċiżjoni finali[16];

"Illi ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-kliem tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jirreferi għal proċess jew kastig "għaldarboħra" ta' persuna għal reat li dwaru tkun diġa' ġiet kundannata jew meħlusa b'sentenza li tkun finali: l-artikolu ma jirreferix għall-"istess reat". Jidher għalhekk li l-mira ewlenija tal-imsemmi artikolu hija dik li persuna ma tiġix proċessata iżjed minn darba għall-istess fatt u mhux biss li ma tiġix kastigata iżjed minn darba għalih. Lanqas jidher li dak l-artikolu jagħmel distinzjoni dwar jekk il-proċedimenti dwar persuna għal reat ikunu ttieħdu quddiem l-istess qorti jew inkella jkunux saru quddiem tribunali differenti;

"Illi kemm hu hekk, ġie mfisser ukoll li "*the question whether or not the non bis in idem principle is violated concerns the relationship between the two offences at issue and can, therefore, not depend on the order in which the respective proceedings* (jiġifieri dak "amministrativ jew dixxiplinari" u dak "kriminali" quddiem il-Qorti) *are conducted*"[17]. Għalhekk, "*while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried and punished for nominally different offences. ... Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements*"[18];

"Illi minn dak li joħroġ minn dawn id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja wieħed jislet il-fehma li dak li huwa essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk it-"tieni" proċediment jiksirx ir-regola tan-*ne bis in idem* hu jekk ir-reat li bih il-persuna tiġi mixlija jikkostitwix għamil bl-istess elementi tar-reat li dwaru dik il-persuna kienet diġa' nstabet ħatja. Jekk l-elementi jirriżultaw l-istess jew jirkbu

[16] Ara ***Gradinger vs Austria*** (**23.10.1995**) (Applik. Nru.15963/90), par. 53
[17] Ara ***Fischer vs Austria*** (**29.05.2001**) (Applik. Nru. 37950/97), par. 29
[18] Ara ***Ponsetti and Chesnel vs France*** (**14.9.1999**) (Applik. Nru. 36855/97)

fuq xulxin, allura t-tendenza hija li jkun hemm ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Min-naħa l-oħra, jekk l-għamil wieħed jagħti lok għal iżjed minn reat punibbli wieħed, it-teħid ta' iżjed minn proċedura waħda fil-ġurisdizzjoni tal-istess Stat dwar kull reat ma jiksirx dik ir-regola[19];

"Illi x'ħin il-Qorti tqiegħed il-fatti li joħorġu mill-każ li għandha quddiemha fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabiliti (għalkemm għadhom qegħdin jevolvu) mill-Qorti Ewropeja, għandu jirriżulta li l-proċeduri dixxiplinari meħudin kontra l-akkużati jikkostitwixxu proċediment kriminali dwar reat li dwaru l-akkużati kienu diġa' nstabu ħatja. Dawk il-proċedimenti kienu deċiżjoni finali u, fuq kollox, kienu mogħtija skond il-liġi u l-proċeduri preskritti. Huwa minnu li kemm l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 u r-Regolament 88 tal-Avviż Legali 118 tal-1995 jindikaw li kull waħda mis-sanzjonijiet fir-rispettivi dispożizzjonijiet hija mingħajr ħsara għaż-żewġ proċedimenti relattivi, imma dan ma jfissirx li t-teħid taż-żewġ proċedimenti b'daqshekk jgħaddi mill-għarbiel tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Għall-kuntrarju, fil-fehma ta' din il-Qorti, in kwantu l-akkużi mressqin kontra l-akkużati fil-proċeduri issa pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jinbnew fuq l-istess għamil (il-ħarba mill-ħabs) u l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jikkostitwixxu identita' ta' elementi, dawn il-proċeduri jidher li jmorru kontra l-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Il-Qorti qegħda tagħmilha ċara li fejn tressqu akkużi kontra l-akkużati li ma jaqgħux fl-isfera tal-proċedimenti diġa' meħudin kontrihom jew fejn l-għamil jikser xi dispożizzjoni oħra tal-liġi li ma tagħmilx parti mill-istess reat, xejn m'għandu jżomm lill-Qorti tal-Maġistrati li tkompli bis-smigħ tal-proċedimenti mibdija skond l-Att tal-Akkuża;

"Illi għalhekk, il-Qorti qegħda ssib li t-tressiq tal-akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixlija bir-reat tal-ħarba mill-ħabs jikkostitwixxi ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

[19] Ara, per eżempju, ***Goktan vs France*** (**2.7.2002**)(Applik.Nru. 33402/96), par. 44, 52

"Illi, kif ingħad f'okkażjonijiet oħrajn, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-meżżi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-meżżi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq[20]. Din il-Qorti għalhekk tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti kompetenti biex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri mressqin quddiemha, kif jippreskrivi l-istess artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret ir-Riferenza";

Minn din is-sentenza appella l-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa bazikament qed jikkontendi li l-proceduri li ghalihom gew sottomessi Zammit, Woods u Ahmed Esawi riferibbilment ghar-regolamenti tal-habs huma proceduri "dixxiplinari" u li ghalhekk ma hux eskluz li, dwar l-istess fatt jew fatti, ikun hemm issa proceduri kriminali. Jissottometti wkoll l-imsemmi Kummissarju li l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru Sebgha ghandu jkollu interpretazzjoni awtonoma u ghalhekk differenti, ghal dak li jirrigwarda d-definizjoni ta' proceduri kriminali, minn dik moghtija ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jkompli hekk:
**"Illi l-esponent jissottometti illi l-proceduri dixxiplinari fil-habs, anke jekk jistghu jitqiesu illi huma proceduri <u>affini ghall-proceduri kriminali</u> ghall-finijiet tal-imposizzjoni tal-esigenzi tas-smiegh xieraq, m'humiex 'procedimenti kriminali' ghall-fini tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll billi dawk il-proceduri ghandhom funzjoni u skop illi huwa ghal kollox distint minn dawk tal-procediment kriminali.**

**"Il-proceduri dixxiplinari fil-habs huma fil-fatt l-ghodda principali biex tista' tinzamm dixxiplina u l-ordni f'dik l-istituzzjoni korrettiva u l-iskop kollu ta' dawk il-proceduri m'huwiex il-kastig *per se* tal-prigunier izda z-zamma ta' l-ordni u d-dixxiplina fil-**

[20] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.417**)

**habs <u>u l-ezekuzzjoni tas-sentenza diga imposta mill-Qorti</u>.**

**"Dan jixhdu wkoll il-fatt illi l-kastigi imposti wara sejbien ta' htija fi proceduri dixxiplinari fil-habs m'humiex definittivi u, per ezempju, skond ir-regolament numru 82(2)(b) tar-regolamenti tal-Habs *'it-tnaqqis mis-sentenza li jigi mhassar skond is-subparagrafu ta' qabel dan jista', bl-awtorita` tal-Ministru, <u>jinghata lura</u> lil prigunier kollu kemm hu jew parti minnu b'konsiderazzjoni ta' mgieba meritevoli sussegwenti'."***

Ghalkekk il-Kummissarju tal-Pulizija talab li s-sentenza appellata tigi riformata.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

1. Id-disposizzjoni tal-Konvenzjoni meritu ta' din il-kawza hija s-segwenti:
**"4(1): Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni ta' l-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."**

Din id-disposizzjoni ghandha l-ghan li, salv ghall-eccezzjoni fit-tieni inciz taghha – eccezzjoni li pero` ma hiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – tassigura li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu <u>essenzjalment ta' natura penali</u> ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat)[21]. Din id-disposizzjoni – apparti li ma tipprojbix li persuna tghaddi proceduri penali ghall-istess reat <u>fi Stat iehor</u> – ma tipprojbix li persuna tigi processata darbtejn meta l-istess fatt jaghti lok ghal proceduri <u>penali u ghal proceduri ta' natura ohra</u>, bhal, per ezempju, proceduri

[21] *"Like the Commission, the Court observes that the Aim of Article 4 of Protocol No. 7 (P7-4) is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision."* – ara ***Gradinger v. Austria*** 23 October, 1995, para. 53.

dixxiplinari[22]. Dak li jrid jigi determinat, ghalhekk, f'dan il-kaz huwa jekk il-proceduri li ghalihom kienu sottomessi Zammit, Woods u Ahmed Esawi qabel ma huma tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Marzu, 2001, u cioe` l-proceduri li wasslu ghal, fost affarijiet ohra, "loss of remission" skond ir-Regolamenti dwar il-Habs, kienux semplicement proceduri dixxiplinari – kif jikkontendi l-Kummissarju tal-Pulizija – jew kienux fir-realta` proceduri ta' natura kriminali jew penali.

2. Issa, kif tajjeb osservat il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza ***Goktan v. France*** [23] l-istess espressjonijiet jew kliem uzati f'disposizzjonijiet differenti tal-Konvenzjoni ghandhom ikollhom l-istess sinjifikat:
**"The Court finds that imprisonment in default of payment of the customs fine was not a means of enforcing the fine, but a penalty, both within the meaning of Article 7 of the Convention…and of Article 4 of Protocol no. 7. The notion of what constitutes a "penalty" cannot vary from one Convention provision to another. It therefore finds that the applicant's imprisonment in default amounted to criminal punishment."** (para. 48, sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess ghandu jinghad ghall-kelma "kriminali" wzata fl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll – din ghandha tinghata tifsira identika ghall-istess kelma kif uzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fuq dan, anke l-awturi jidher li huma konkordi. Hekk per ezempju, Van Dijk u Van Hoof[24]:
**"The principle that nobody may be tried or punished again is limited to 'criminal proceedings'. In the *Gradinger* Case the applicant had been convicted and punished by a criminal court. Subsequently the administrative authorities imposed a fine on him. The**

---

[22] Ara, fost ohrajn, l-***Explanatory Report to Protocol No. 7 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms***, para. 32; u Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. ***Law of the European Convention on Human Rights*** Butterworths (London) 1995, p. 569.
[23] 2 July, 2002.
[24] ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** Kluwer Law International (The Hague) 1998.

**latter punishment was based on the same facts as the former. The applicant complained that the decision of the administrative authorities amounted to a violation of Article 6 of the Convention [the applicant contended that he did not have access to a 'tribunal'] and Article 4 of Protocol No. 7. Thus the Court had to assess whether Article 6 did apply to administrative proceedings. It answered this question in the affirmative with reference to the criteria developed in its case-law. With regard to Article 4 of Protocol No. 7 the same question could have arisen. However, with regard to Article 4 the Court took the existence of the 'criminal proceedings' for granted. Thus, it may be concluded that the notion of 'criminal' in Article 4 of Protocol No. 7 is identical to the term 'criminal' in Article 6 of the Convention."** (pagna 690, sottolinear ta' din il-Qorti).

U l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick[25], b'referenza ghall-imsemmi Artikolu 4 jesprimu ruhhom hekk:
**"The term 'criminal' will presumably be given the meaning that it has under Article 6 of the Convention."** (p. 569).

Konsegwentement din il-Qorti ma tarax ghala m'ghandhiex tapplika, sabiex jigi determinat jekk il-proceduri li ghalihom gew assoggettati Zammit, Woods u Ahmed Esawi fil-habs humiex proceduri "kriminali" jew proceduri xort'ohra (ezempju "dixxiplinari"), dawk il-kriterji li l-Qorti ta' Strasbourg holqot maz-zmien sabiex tiddetermina jekk akkuza hiex ta' natura "kriminali" ghall-finijiet tal-Artikolu 6. Dawn il-kriterji huma bazikament tlieta: (a) il-klassifikazzjoni tad-disposizzjoni taht il-ligi domestika, (b) in-natura tar-reat, u (c) in-natura u l-gravita` tal-piena. Dawn it-tlett kriterji gew applikati, per ezempju, fil-kaz ***Engel and Others v. The Netherlands*** [26] fejn il-Qorti kellha tiddetermina jekk l-applikanti (membri tal-Forzi Armati Olandizi) jew xi whud minnhom kienux

[25] *op.cit.* nota *in calce* nru 22.
[26] 8 June, 1976.

*"the subject of a 'criminal charge' within the meaning of Article 6 paragraph 1."* [27] F'dik il-kawza, dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

**"In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This, however, provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal or relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various contracting States.**

**"The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act of omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect the Court expresses its agreement with the Government.**

**"However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so."** (para. 82).

Fi kliem iehor -- u kif jispjegaw van Dijk u van Hoof[28] -- ghalkemm il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il-

[27] para. 83.
[28] *op.cit.* pagni 410 sa 416.

ligi domestika wiehed ghandu jikkunsidraha, u ghalkemm in-natura tar-reat (cioe` ghal min hija intiza d-disposizzjoni li toholqu u x'inhu l-iskop taghha) hija importanti, fir-realta` il-kriterju verament determinanti huwa dak tan-natura u l-gravita` tal-"piena" jew "konsegwenza" li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni.

4. Fil-kaz in dizamina, Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew akkuzati (skond il-proceduri interni tal-habs) taht disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Habs kjarament intizi sabiex tinzamm id-dixxiplina fil-Habs ta' Kordin. In fatti r-regolamenti 74 sa 88 tal-A.L. 118/95 huma intestati "Dixxiplina", u l-ewwel minn dawn ir-regolamenti jipprovdi espressament li *"Id-dixxiplina u l-ordni ghandhom jinzammu b'fehma soda, izda mhux b'aktar restrizzjonijiet milli jkun mehtieg, fl-interess ta' kustodja fiz-zgur, ta' hajja komunitarja ordinata u ta' l-objettivi ta' trattament tal-habs."* Din il-Qorti taghmilha cara li ma ghandha ebda illuzjoni dwar kemm huwa importanti, u zgur ukoll difficli, li wiehed izomm id-dixxiplina u l-ordni f'habs. Il-lista ta' "reati kontra d-dixxiplina" fir-regolament 75, hija kjarament intiza sabiex tipprova tassigura proprju dak enuncjat fir-regolament 74(1). F'din il-lista wiehed isib ghemil li huwa purament kwistjoni ta' dixxiplina (bhal, per ezempju, li prigunier juri nuqqas ta' rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs – reg. 75(o)), filwaqt li ohrajn jistghu jaghtu lok ukoll ghal proceduri quddiem Qorti ta' Gustizzja Kriminali (bhal, per ezempju, li prigunier jaghti n-nar lil xi proprjeta` kemm tieghu stess jew le – reg. 75(k)). Kif diga` nghad, l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll numru Sebgha ma hux ta' ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittiehdu kemm proceduri dixxiplinari kif ukoll proceduri kriminali, u dan indipendentement ukoll mill-ordni li fih dawn jittiehdu. Issa, fl-kaz *de quo* Zammit, Woods u Ahmed Esawi it-tlieta li huma gew akkuzati, ghal finijiet ta' dixxiplina, fost ohrajn bir-reat "dixxiplinari" kontemplat fil-paragrafu (u) tar-regolament 75, u cioe` talli harbu waqt li kienu mizmuma jew meqjusa li kienu mizmuma fil-habs. Dan ir-reat jista' jgib mieghu, skond ir-Regolamenti dwar il-Habs, il-possibilita` ta' "loss of remission" ta' mhux aktar minn tlett mija hamsa w sittin (365) jum (ara r-regolament 78(1)(g)). Effettivament huma t-tlieta gew misjuba hatja

mill-Bord skond l-imsemmi paragrafu (u) u kkundannati l-massimu ta' *loss of remission* fuq din l-akkuza, liema sejbien ta' htija u piena gew konfermati (fir-rigward ta' Zammit u ta' Ahmed Ezawi – Woods ma appellax) mit-Tribunal ta' l-Appelli. Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak deciz mill-Qorti ta' Strasbourg kemm fil-kaz ***Campbell and Fell v. United Kingdom*** [29] kif ukoll aktar recentement fil-kaz ***Ezeh and Connors v. United Kingdom*** [30] ma tistax ma tqisx tali piena ta' *loss of remission* (cioe` fl-ammont ta' 365 jum ossia sena) bhala piena "kriminali" u mhux semplicement dixxiplinari ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minhabba n-natura (telf ta' liberta` personali) u s-severita` taghha, b'mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta` ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari. Kif intqal fil-kaz ***Campbell and Fell***
**"…the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'."** (para. 72).

5. Jigi precizat ghal kull buon fini li prigunier li qed iservi sentenza ta' prigunerija ghal ghomru la jista' jikseb *remission* (regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar il-Habs) u ghalhekk anqas jista' jitlef tali *remission*, bil-konsegwenza li l-paragrafu (g) tar-regolament 78(1) ma jistax ikun applikabbli ghalih. Il-Qorti tippreciza wkoll li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht il-paragrafu (j) tar-regolament 75 – u cioe` li wiehed *"jiehu, minghajr awtorita` jew raguni legittima, xi oggett li jkun jappartjeni lil persuna ohra jew lill-habs"* – dan jista' jgib biss massimu ta' *loss of remission* ta' mija w ghoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia wahda li tista' tissarraf f'zieda ta' biss erba' xhur aktar ta' prigunerija effettiva, tista' titqies bhala wahda dixxiplinari, u ghalhekk il-fatt li Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew liberati minn dik l-akkuza ifisser li huma gew liberati minn

[29] 28 June, 1984.
[30] 15 July, 2002.

akkuza dixxiplinari u mhux minn wahda li hija fir-realta` ta' natura kriminali.

6. Anqas ma tista' din il-Qorti taccetta l-argument ta' l-appellant li hawn non si tratta ta' decizjoni definittiva ossia li ghaddiet in gudikat. Fil-fehma tal-Qorti id-decizjoni saret definittiva mal-pronunzjament tat-Tribunal ta' l-Appelli.

7. Inoltre din il-Qorti tosserva li hemm sostanzjalment identita` fl-elementi bejn ir-reat kontemplat fir-regolament 75(u) tar-Regolamenti dwar il-Habs u dak kontemplat fl-Artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel reat ikopri dak kollu li jkopri it-tieni wiehed. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghal dak deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ***Fischer v. Austria*** [31]:
**"The Court observes that the wording of Article 4 of Protocol No. 7 does not refer to 'the same offence' but rather to trial and punishment "again" for an offence for which the applicant has already been finally acquitted or convicted. Thus, while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried or punished for nominally different offences. The Court, like the Austrian Constitutional Court, notes that there are cases where one act, at first sight, appears to constitute more than one offence, whereas a closer examination shows that only one offence should be prosecuted because it encompasses all the wrongs contained in the others…An obvious example would be an act which constitutes two offences, one of which contains precisely the same elements as the other, plus an additional one. There may be other cases where the offences only slightly overlap. Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements."** (para. 25)[32].

[31] 29 August, 2001.
[32] Ara wkoll ***W.F. v Austria***, 30/08/2002.

8. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ghamlet l-ordni ta’ referenza fit-30 ta’ Mejju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------